# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 12/K9/20**

Data tal-laqgħa: 26 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

12.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula talab li jiġi skużat għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

12.1.02 Fil-bidu tas-seduta l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul informa lill-Kunsill li minħabba li jista' jkun hemm xi konflitt ta' interess waqt xi diskussjoni, huwa ġie impjegat mal-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Kliema u Planning.

## 12.2 Approvazzjoni tal-Minuti 10/K9/2020 u 11/K9/2020

12.2.01 Saret korrezzjoni sabiex 10.01.02 tiġi mħassra minħabba li l-Kunsillier Martin John Sultana kien skużat.

12.2.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 10/K9/20.

12.2.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 10/K9/20.

12.2.04 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 11/K9/20.

12.2.05 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul issekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 11/K9/20.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

12.2.06 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt li fil-Minuti preċidenti tħalla barra l-punt imqajjma minnhu dwar il-banner mwaħħla fuq il-pont tal-Knisja, iċ-Ċermen infurmah li seta' jagħmel dan il-kummenti fil-korrezzjoni tal-Minuti u mhux f'bħala punt imqajjem mill-minuti. Is-Sur Agius sostna li qed jiġi ċċensurat u ħareġ il-barra mis-seduta.

12.2.07 Tqajjem il-punt dwar 10.3.05 mill-Kunsillier Martin John Sultana fejn staqsa kif qed joħorġu l-permessi għal min irid jidhol Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku qal li huwa ta istruzzjonijiet sabiex jinħarġu permessi għall-MFA u MFB u l-oħra qed jingħataw permessi ta' ġurnata. Is-Sur Martin John Sultana f'dan l-istadju reġa tenna' li l-Kunsillier John Agius kellhu jingħata permess jitkellem. F'dan l-

istadju, il-ħin kien l-4.45p.m., il-Kunsillier John Agius, il-Kunsillier Martin John Sultana u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul f'din l-ordni ħarġu mill-kamra. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul sostna li l-fatt li l-kumment tal-Kunsillier John Agius tħalla barra mill-minuti huwa riflessjoni tan-negligenza. Is-Segretarju Eżekuttiv sostna li setgħu saru korrezzjonijiet għal-minuti u li huwa m'għandhu l-ebda problema li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jneħħi l-banner msemmi, dan jitneħħa l-għada. F'dan l-istadju ġiet sospiża l-laqgħa sabiex jiġi ċċarat jekk hemmx kworum għas-seduta. Skond is-sitt skeda ta' Artiku 43 li jitkellem dwar l-istanding orders tal-laqgħat tal-Kunsill kien ċar u l-laqgħa setgħet titkompla bil-ħames membri preżenti.

12.2.08 Tqajjem il-punt dwar 10.4.01 dwar id-dawl tal-Monument ta' Ġużè Tanti, iċ-Ċermen qal li ser niċċesjaw l-applikazzjoni.

12.2.09 Tqajjem il-punt dwar 10.2.09 il-Kunsillier Guido Dalli staqsa jekk intbagħtitx l-ittra lin-Neptunes Water Polo. Is-Segretarju qal li l-ittra kellha tintbagħat miċ-Ċermen. Iċ-Ċermen ikkonferma li l-ittra kien bagħta.

## 12.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

12.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li huwa tkellem mar-Reġjun Ċentru dwar pubblikazzjoni tal-ktieb għal ismijiet tat-toroq ġewwa San Ġiljan, li kien ħejja l-Kunsillier John Agius. Ir-Reġjun kien lest jisponserja l-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb.

12.3.02 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li t-€2.33 li kienet tinqata mal-allowance tal-Kunsilliera din l-iskema mhux ser tibqa applikabbli. Il-Kunsilliera li jixtiequ jibqu jagħtu din il-kontribuzzjoni għandhom jagħmlu dan personalment.

12.3.03 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li wieħed mill-kuntratturi tal-U-Shaped Barriers – Media Trendz talbu 30 tag oħra sabiex jagħmlu tajjeb għall-tabelli kbar li dawn qatt ma twaħħlu. Per prinċipju l-Kunsill qabel pero kellna niltaqgħu miegħu biex ngħidulu fejn jista' jwaħħalhom.

## 12.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

12.4.01 Il-Kunsillier Guido Dalli nforma lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu fl-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv ma' persuna dwar possibilta' li tiġi organizzata attivita' kulturali bil-parteċipazzjoni ta' reenactors mini. n Pjazza Armerina ġewwa Sqallija. Iċ-Ċermen qal li huwa kien diġa qed jitkellem mal-Viċi Sindku dwar attivita' fejn il-Knisja ta' Lapsi forma ta' Lejla Maltija. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nkomplu

nitkellmu mal-persuna dwar attivita' għal ħabta ta' Mejju, filwaqt li l-Lejla Maltija tiġi organiżżata viċin il-festa titular

**12.5 Rendikont Finanzjarju**

12.5.01 Is-Segretarju ressaq ir-rendikont finanzjarju mhux awditjat. Saret diskussjoni fosthom intalab dettalji tal-items dwar tiswijiet tad-dawl tat-toroq, dwar professional fees kif ukoll dwar servizzi tal-komunita'. Wara diskussjoni, il-Kunsilleri Rita Dimech Portelli ssekondata mill-Kunsillier Guido Dalli pproponew l-approvazzjoni tar-rendikont finanzjarju u dan ġie approvat.

**12.6 Għoti tat-tender Bulky Refuse**

12.6.01 Is-Segretarju ressaq l-offerti għal-għoti tat-tender The Collection of Bulky Waste in an Environmentally Friendly. L-unika offerta kienet tas-Sur Melchiore Dimech u l-kumitat ta' l-aġġudikazzjoni ppropona li jingħata l-kuntratt.

12.6.02 Kien hemm qbil li dan jiġi approvat.

**12.7 Għoti tat-tender Waste Collection;**

12.7.01 Is-Segretarju ressaq l-offerti għal-għoti tat-tender The service for the Collection of household waste flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aġudikazzjoni biex jiġi approvazzjoni l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions.

12.7.02 Wara diskussjoni qasira, dan ġie approvat.

**12.8 St. Patrick's Day;**

12.8.01 Iċ-Ċermen ta informazzjoni dwar il-laqgħat li kellna dwar is-St. Patrick's Day fosthom mal-Pulizija, ma' l-operaturi ta' l-istabbilimenti kummerċjali, mal-NGO's kif ukoll mal-Malta Tourism Authority. Għalhekk kienu qed jinġabru kwotazzjonijiet.

12.8.02 Kellna korrispondenza min-naħa tal-Avukat Dr. Stefano Filletti (Inc No. 10066/20), dwar ir-responsabilta' għal attivita' ta' St. Patrick's Day.

**12.9 Korrispondenza**

12.9.01 **Email mingħand is-Sur Matthew Dimech dwar Young warriors family obstacle race (Inc. 10195/20)**

12.9.01.01 Din l-attivita' hija miftuħa għal-tfal bejn il-ħames snin u ħmistax il-sena u l-Kunsill iddeċieda li jipprova jinvolvi xi għaqdiet tal-lokal.

**12.9.02 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Young elected politicians (Inc. 10103/20)**

12.9.02.01 B'riferenza għal din il-korrispondenza, ħadd ma wera interess.

**12.9.03 Email mingħand il-Lands Authority dwar permess rifjutat għal twaħħil ta' ATM ġewwa Ta' Ġiorni (Inc. 9981/20)**

12.9.03.01 Wara diskussjoni kien hemm qbil li nagħmlu applikazzjoni oħra għall-istess sit iżda tkun man-naħa ta' ġewwa kif ġie ssuġerit min-naħa tal-Lands Authority.

**12.9.04 Email mingħand il-Valletta Cultural Agency dwar Tellieqa telliqun (Inc. 10036/20)**

12.9.04.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ma jipparteċipax.

**12.9.05 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar konferenza dwar in-nisa (Inc. 10026/20)**

12.9.05.01 Il-membri ġew imħeġġa biex jattendu għal din il-konferenza.

**12.9.06 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Premju għal women in energy (Inc. 9958/20)**

12.9.06.01 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja iżda ma kien hemm ħadd li nistgħu ninnominaw.

**12.9.07 Email mingħand Convenant of Mayor dwar konferenza internazzjonali (Inc. 9974/20)**

12.9.07.01 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja iżda ma konniex ser nattendu.

**12.9.08 Korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Bonello is-Segretarju tan-Neptunes Water Polo Club dwar żvillupp li kienu ser jagħmlu fuq il-promenade fejn id-daħla tal-club**

12.9.08.01 Wara diskussjoni kien hemm qbil, li nieħdu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill.

**12.9.09 Ittra mingħand Jenny Borg fejn talbet biex tinstalla kiosk ġewwa Pjazza Spinola (Inc. 10271/20)**

12.9.09.01 Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**12.9.10 Email mingħand il-Parroċċa San Ġiljan dwar Pellegrinaġġ bejn San Ġiljan u s-Santwarju tal-Mellieħa (Inc. 10270/20)**

12.9.10.01 Il-Kunsill kien lest li jassisti lill-Parroċċa permess ta' gwardjani lokali.

**12.9.11 Email mingħand is-Sur Ray Muscat Terribile dwar stimi għall-proġett żgħir fil-grounds tal-iskola primarja (Inc. 10217/20)**

12.9.11.01 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill kien lest li jikkontribwixxi l-ammont ta' €1,000.

**12.9.12 Email mingħand Jair Cordina dwar proposta sabiex jagħmel reklami mal-exchange boxes tat-telephone u ta' l-elettriku (Inc. 10038/20)**

12.9.12.01 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil li nagħtu dan il-permess bir-rati tal-U-Shapped Barriers u għalhekk kellna nagħmlu laqgħa mas-Sur Cordina biex nagħmlu ftehim.

**12.9.13 Email mingħand Vivianna Premazzi dwar sejħa dwar l-immigrazzjoni kofinanzjata mill-fondi tal-Ewropa (Inc. 9985/20)**

12.9.13.01 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil li l-Kunsill ma jipparteċipax.

**12.9.14 Email mingħand Jessica Shah dwar il-parkeġġ għal-muturi tal-Pizza Hut fi Triq il-Mensija (Inc. 9816/20)**

12.9.14.01 Wara diskussjoni kien hemm qbil li nitkellmu mal-kuntrattur biex naraw jekk hux possibli li jsiru mingħajr ma' tftixxkel il-flow tat-traffik.

**12.9.15 Email mingħad Astrid Vella dwar kaxxi għar-riċiklaċċ tal-ħwejjeġ u drappijiet (Inc. 9711/20)9**

12.9.15.01 Kien hemm qbil li titpoġġa waħda minn  dawn il-kaxxi fi Triq il-Baltiku.

**12.9.16 Email mingħand is-Sur Tommy Debono Transport Malta dwar bankina fit-tarf ta' Triq il-Kbira (Inc. 10152/20)**

12.9.16.01 Il-Kunsill ingħata żewġ proposti u qbilna ma' proposta B li kien jinkludi parkeġġ fiż-żewġ naħat tat-triq.

**12.9.17 Email mingħand Angelo Coccheti dwar sejħa għall-programm European for Citiziens finanzjat mill-fondi tal-EU (Inc. 10221/20)**

12.9.17.01 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax.

12.9.18 Email mingħand l-Avukat tal-Cavallieri Hotel dwar żvillupp li kellu jsir fix-xatt viċin il-Cavallieri Hotel. (Inc. 10129/20)

12.9.18.01 Il-Kunsill ġie nfurmat min-naħa tas-Segretarju li kienet ser issir laqgħa bejn l-Avukat tal-Kunsill u Uffiċjali tal-Awtorita' ta' l-Artijiet sabiex niddiskutu l-proġett speċjalment jekk kienx ser jittiehed l-aċċess għal-bajja.

**12.10 Skeda tal-Pagamenti**

12.10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B)

12.10.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

12.10.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

**12.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

12.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5010 sa 5036 (Ara Appendiċi 'Ċ')

12.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**12.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

12.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2020 fil-5.00p.m.

12.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 12 ta' Marzu 2020